MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 629/2001/1

**Avukat Dottor Kevin F. Dingli bhala mandatarju specjali tal-assenti Anne Miller ghan-nom u fl-interess ta' binha minuri Ben Alexander Genovese u l-istess Dr. Kevin F. Dingli gie kkonfermat bhala kuratur "ad litem" tal-imsemmi minuri Ben Alexander Genovese b'digriet tas-7 ta' Frar, 2002**

**Vs**

**Joseph Genovese**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi kien hemm relazzjoni estra-maritali bejn l-assenti attrici Anne Miller u l-konvenut Joseph Genovese;

Illi minn din ir-relazzjoni, fit-2 ta’ April 1996 twieled fl-Iskozja t-tifel minuri Ben Alexander Genovese hekk kif jirrizulta mic-certifikat ammess u mmarkat bhala Dok. “B”;

Illi l-konvenut qatt ma kien irrikonoxxa ‘l fuq imsemmi tifel minuri bhala wild tieghu;

Illi l-assenti attrici Anne Miller kienet ghalhekk kostretta sabiex tistitwixxi il-proceduri opportuni kontra l-konvenut quddiem is-Sheriff Courts ta’ Hamilton gewwa l- Iskozja, liema Qorti kienet iddikjarat lill-konvenut bhala li kien missier-il fuq imsemmi minuri u dan permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Settembru 1997 (Dok. “C”).

Illi sal-llum il-konvenut ma avversa l-ebda manteniment lill-attrici estera Anne Miller, ghall-fuq imsemmi minuri, u fil-fatt sal-llum ma’ kkontribwixxa assolutament xejn ghall-htigijiet ta’ l-istess minuri.

Illi nonostante illi l-konvenut kien gie interpellat diversi drabi, anke’ ufficjalment, sabiex jottempora ruhu ma’ l-obbligazzjonijiet tieghu fir-rigward tal-manteniment ta’ ‘l fuq imsemmi minuri huwa baqa’ ghal kollox inadempjenti (Dok. D).

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet kollha premessi:

1) Prevja kull dikjarazzjoni opportuna moghtija minn din l-
Onorabbli Qorti fis-sens illi huwa l-missier tat-tifel minuri Ben Alexander Genovese, imwieled fl- Iskozja fit- 2 ta’ April 1996, m’ ghandux jigi kkundannat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ihallas lill-attur nomine f’ isem u fl-interess ta’ l-imsemmi minuri, dik ir-retta alimentarja, inkluzi l-arretrati kollha, li ghandha tigi stabbilita minn din l-istess Onorabbli Qorti u dana taht dawk il-pattijiet u kundizzjonjiet kollha illi din l-istess Qorti jista’ jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz,

inkluzi dawk fir-rigward ta’ l-arretrati fil-hlas tal--manteniment.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Novembru 2000 kontra l-konvenut illi huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u dokumenti a fol. 5 sa 11 tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh fit-2 ta’ Jannar 2001 u ma pprezenta ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u b’hekk hu kontumaci;

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju specjali ta’ l-assenti Anne Miller fejn talab lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonfermah bhala kuratur *ad litem* ta’ l-imsemmi minuri Ben Alexander Genovese fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti ghall-finijiet kollha tal-Ligi u d-digrieti tas-17 ta’ Mejju, 2001 u tas-7 ta’ Frar, 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta’ Mejju 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavit attrici b’terminu ta’ erbghin jum u fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex wara l-eghluq tat-terminu tal-prezentata ta’ l-affidavit jisma’ l-provi kollha li fadal dwar il-kaz; tad-29 ta’ Ottubru, 2002 fejn xehed Dr. John Gauci u Dr. K. F. Dingli talab li l-kawza tibqa` differita ghas-sentenza.

Rat is-seduta tat-18 ta’ Gunju, 2002 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn xehdu Alfred Caruana Pettett, Godwin Mallia u Joseph Genovese;

Rat ir-rikors ta’ Dr. Kevin F. Dingli fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-konvenut sabiex joqghod ghall-ezamijiet mehtiega sabiex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz, u fin-nuqqas il-Qorti tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu ikunu gustifikati fic-cirkostanzi tal-kaz u wkoll sabiex il-minuri

Ben Alexander Genovese joqghod ghall-istess ezamijiet medici. Rat id-digrieti ta’ l-10 ta’ Lulju, 2002 fejn il-Qorti ordnat notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta; tat-3 ta’ Settembru, 2002 fejn rat li il-konvenut naqas li jressaq twegiba fiz-zmien moghti lilu u laqghet it-talbiet dwar il-minuri Ben Alexander Genovese sabiex jigi sottopost ghal ezami ta’ prova genetika mehtieg u dwar il-konvenut fejn stiednitu sabiex fi zmien sebat ijiem min-notifika lilu ta’ l-istess digriet jiddikjara li se joqghod ghall-ezami mehtieg jew li diga` qaghad ghalih u fin-nuqqas ta’ dan jigi meqjus li qed jirrifjuta li joqghod ghall-imsemmi ezami.

Rat in-nota tat-23 ta’ Lulju, 2002, ta’ l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe et li permezz taghha ezebixxa l-affidavit ta’ Anne Miller;

Rat in-nota tat-23 ta’ Ottubru, 2002 ta’ Dr. Kevin F. Dingli fejn ipprezenta r-rizultati ta’ l-analizi medika fil-forma ta’ DNA mahrug minn Synergene Technologies Limited, immarkat bhala Dok. “AM1”.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi Anne Miller, assenti minn Malta u rapprezentata mill-mandatarju Avukat Dottor Kevin F. Dingli, ipprezentat il-kawza odjern minhabba li qed tippretendi li l-konvenut li kellha relazzjoni mieghu ghandu jmantni lit-tifel minuri li twieled minn din ir-relazzjoni.

Illi **Anne Miller** fl-affidavit taghha spjegat kif hija u l-konvenut kellhom relazzjoni minn Gunju 1991 sas-Sajf 1995. Hija qattghat ix-xahar ta’ Lulju 1995 f’Malta. F’Awissu 1995 hija rrealizzat li kienet tqila mill-konvenut Genovese. Meta cemplitlu biex tghidlu huwa ssuggerilha li

taghmel abort u minn dakinhar qatt ma cemplilha jew kitbilha. Waqt it-tqala hija kkuntattjatu bit-telefon izda l-posizzjoni tieghu baqghet l-istess cjoe' li ma kienx interessat. Il-minuri Ben Alexander twieled fl-Iskozja fit-2 ta' April 1996. Hija nfurmatu b'dan izda hu ma weriex interess. Hija kompliet li meta marret biex tirregistra t-twelid ta' binha hija saret taf li taht il-ligi Skocciza hija ma setghetx issemmi lill-konvenut Genovese bhala missier it-tarbija minghajr ma' l-ewwel tikseb il-permess tal-istess Joseph Genovese. Meta hija cemplet lill-konvenut biex tghidlu dwar dan huwa rrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu. B'hekk hija kellha tiehu azzjoni legali fuq din il-kwistjoni fil-Qrati Skoccizi. Il-konvenut qatt ma kkomunika ma' l-avukat taghha fl-Iskozja. Wara hafna xhur il-kaz instema' fin-nuqqas ta' Genovese u l-Qorti ddecidet favuriha cjoe' li l-minuri seta' jigi registrat bhala li hu bin il-konvenut Joseph Genovese.

Illi b'konsegwenza ta' din id-decizjoni hija setghet tghammed lil binha fil-Knisja Kattolika Rumana u tiktbu f' St. Mary's R.C. Primary School f'Hamilton. Illi kull sena minn mindu twieled it-tifel gew izuru Malta u l-konvenut irrifjuta li jarahom.  Huwa ghamilha ferm difficli ghall-genituri tieghu u ohtu biex jarawhom.  Huma setghu imorru f'hin meta l-istess Genovese ma kienx id-dar.

Illi hija spjegat li f'April 1995 kienet involuta f'incident tat-traffiku u minhabba li wegghet ghonqha u darha minn dakinhar ma tistax tahdem *full-time.*  Illi hija qeghda tahdem fuq bazi *part-time* b'sieghat flessibbli. Hija nfatti tista' taghmel parti minn xogholha mid-dar. Hija tircievi tminn (8) liri sterlini fis-siegha. Hija tircievi beneficcju tad-dizabilita' ta' bejn hamsa u sebghin lira (75) u hamsa u tmenin lira (85) sterlina fil-gimgha. Dan l-ammont jigi rivedut kull sitt xhur u jiddependi fuq kemm tkun qalghet fis-sitt xhur ta' qabel.

Illi l-konvenut Genovese qatt ma offra biex jghinha finanzjarjament u qatt ma staqsa jekk kellhiex bzonn. Hija qatt ma kienet fittxitu izda issa kellha taghmel dan ghal diversi ragunijiet. Hija spjegat li hi mhiex zghira fl-eta', ghandha dizabilita' fizika li taffettwalha l-kapacita' taghha li

taqla' l-flus; jekk tasal fi stat li ma tkunx tista' tahdem aktar (il-konsulent taghha qalilha li diga' waslet f'dak l-istadju) tkun totalment dipendenti fuq il-beneficcji socjali. Hija ma tridx lil binha jbati. Hija tenniet li f'hajjitha dejjem hadmet u sakemm tibqa' tiflah hekk ghandha intenzjoni li taghmel. Hija qalet li l-aktar punt li jinkwetaha huwa l-edukazzjoni tat-tifel u peress li fl-Iskozja m'hemmx *grants* ghall-Universita' u hi se jkollha sittin (60) sena meta jasal biex imur l-Universita` u qeghda tinkweta li ma tkunx tista' tghinu finanzjarjament.

Illi rigward Joseph Genovese hija spjegat li minn mindu ltaqghet mieghu huwa hadem bhala ghalliem tal-Matematika, hadem f'lukandi waqt ix-xhur tas-sajf biex izid mad-dhul tat-taghlim. Ghal xi zmienijiet huwa kien jahdem fl-industrija tal-lukandi ghax hu kien jaqla' aktar flus. Il-konvenut ghandu erbgha u hamsin (54) sena u hu ghazeb. Huwa jghix mal-familja tieghu u ghix mal-genituri tieghu hajtu kollha. Missieru qalilha li huwa qatt ma accetta l-ebda hlas ghall-ikel u spejjez ohra ta' kuljum minghand il-konvenut. Hija ma tafx pero' jekk illum hux qed jahdem u x'inhu l-introjtu tieghu jew l-ispejjez tieghu.

Illi fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju gie mharrek biex jixhed rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, illi pero' ghalkemm tela' **Alfred Caruana Petett** huwa talab biex jigi ezentat mis-sigriet professjonali. Dr Kevin Dingli kellu jaghmel rikors biex il-Qorti tezentah.

Illi xehed ukoll **Godwin Mallia**, rapprezentant ta' l-Employment and Training Corporation, li qal li prezentement il-konvenut m'ghandu l-ebda mpjieg. L-ahhar impjieg tieghu mal-Keramme Aparthotel intemm fl-ahhar ta' Novembru 2001 fuq kaz ta' dixxiplina. Huwa kien jahdem il-Qorti mill-24 ta' Ottubru 2000 sat-18 ta' April 2001 meta kien irrizenja. Huwa ilu jirregistra mis-16 ta' Mejju 2002.

Illi l-konvenut **Joseph Genovese** xehed li hu prezentement mhux jahdem. Huwa spjega ghaliex tkecca mill-Keramme Aparthotel. Dak iz-zmien kellu hamsin lira Maltija (LM50) fil-gimgha paga bhala gross; kif ukoll kien

intitolat ghall-bonus. Huwa qal li kellu relazzjoni ma' Anne Miller u li minn din ir-relazzjoni twieled Ben Alexander. Is-sajf li ghadda ltaqa' maghhom. Huwa ma rrikonoxxiex lit-tifel ghax hi kienet taghtu l-impressjoni li ma setghetx ikollha tfal. Huwa hass li ngannatu. Illi meta rcieva l-karti mill-Iskozja sabiex jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif graw l-affarijiet huwa rahom pero' ma kienx lest li jikkontestahom. Huwa ra l-ewwel darba lit-tifel meta kellu xi sentejn. Hu qal li t-tifel mhuwiex problema tieghu ghax hu ma setax ighid ta' min hu t-tifel. Illi pero' wera ruhu dispost biex jissottoponi ruhu ghal DNA Testing. Hu qal hekk: *"Manteniment ghal dan it-tifel ma hallastx ghaliex mhuwiex responsabilita' tieghi. Jekk jiena missier jiena missier involontarju."* Illi rigward ix-xoghol hu qal li kien part-time teacher. Issa bhala assistenza qed jircievi ghoxrin lira Maltija (LM20) fil-gimgha.

Illi **Dr. John Gauci** xehed li huwa eleva l-kampjuni tal-omm, tat-tifel u ta' l-*alleged father* (il-konvenut Genovese). Huwa baghthom fil-laboratorju Synergene u r-rizultat jindika li 99.9% huwa *the alleged father.* Infatti esebixxa Dok.JG1 li huwa r-rizultat tal-analizi medika fil-forma ta' DNA mahrug minn Synergene Technologies Limited mahrug fis-26 ta' Awissu 2002.

Illi b'hekk mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut Joseph Genovese huwa l-missier naturali tal-minuri Ben Alexander Genovese. Dan jirrizulta b'mod car minn Dok JG1 li huwa r-rizultat tad-DNA testing li sar; kif ukoll mix-xhieda prodotta mill-attrici fl-affidavit taghha u mix-xhieda ta' l-istess konvenut. Illi l-istess konvenut sostna li hu kien ingannat minn Anne Miller u li kien minn ghalih li ma setax ikollha tfal. Huwa qal li t-tifel mhux responsabilita' tieghu ghax hu missier involontarju. Illi pero' dan l-argument ma jista' qatt jintlaqa' ghaliex il-minuri msemmi huwa tieghu bhala stat ta' fatt u dan ma jistax jinnegah.

**ii)** **<u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

**L-artikolu 93 (1) tal-Kap.16** jipprovdi li :-

*“Il-missier ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, it-tifel jew tifla illegittimi maghrufin minnu b’uliedu, u li jaghtihom, ukoll fiz-zmien ta’ wara, il-manteniment, fil-kaz ta’ bzonn, kemm-il darba ma jkollhomx lil zewghom jew lil marthom jew dixxendenti li jistghu jaghtuhom dan il-manteniment.”*

Illi mbaghad fl-**artikolu 94 tal-Kap 16** hemm ipprovdut li :

*“Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 93 ghandhom japplikaw ghal min ma jkunx gharaf b’ibnu lit-tifel, izda li jkun gie dikjarat b’sentenza tal-Qorti bhala missier.”*

Illi ovvjament dan japplika ghall-kaz in kwistjoni ghaliex ghalkemm Joseph Genovese ma rrikonoxxix lill-minuri Ben Alexander huwa gie dikjarat bhala l-missier naturali tieghu mill-Qorti Skocciza.  Huwa qal li ghalkemm rahom il-karti li baghtulu huwa ma hassx li kellu jikkontesthom. *Inoltre’* rrizulta mid-DNA testing li huwa l-missier naturali u dan issa se jigi dikjarat ukoll permezz tas-sentenza odjerna.  Illi *kwindi* l-konvenut hu obbligat bil-ligi li jmantni lil dan il-minuri.

Illi tibqa’ biss il-kwistjoni tal-ammont ta’ manteniment li ghandu jinghata ghall-minuri mill-konvenut Genovese. Illi skond l-**artikolu 20 tal-Kap. 16** :-

*“(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharriga sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort’ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qlight tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u ta’ l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli."*

Illi mill-provi prodotti rrizulta li wara li kienet involuta f'incident awtomobolistiku Anne Miller issofri minn dizabilita' fizika li qed taffettwa l-kapacita' lavorattiva taghha tant li llum tahdem fuq bazi *part-time* b'sieghat flessibbli u taqla' tminn sterlini fis-siegha. Flimkien ma' dawn tiehu wkoll beneficcju socjali li jammonta bejn hamsa u sebghin u hamsa u tmenin lira sterlina 75 – 85 fil-gimgha liema somma hi rivedibbli kull sitt xhur. Illi hija tiehu hsieb li tmantni, teduka u trabbli lill-minuri Ben Alexander u dan ilha taghmlu sa minn mindu twieled. Illi hija tidher li hi nkwetata l-aktar dwar l-edukazzjoni futura tat-tifel u dan bir-ragun.

Illi min-naha l-ohra rrizulta li l-konvenut Joseph Genovese mhux qed jahdem prezentement u jircievi assistenza socjali fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha. Illi ma ngabu l-ebda provi dwar xi beni mobbli jew immobbli li jista' jkollu. Illi b'hekk ghalkemm din il-Qorti tiddikjara li huwa obbligat li jghin fit-trobbija ta' ibnu, min-naha l-ohra ghandha idejha marbutin minhabba li jirrizulta li m'hemmx introjtu bizzejjed biex taghti l-ordni opportun u tillikwida l-manteniment xieraq wara li tiehu in konsiderazzjoni il-mezzi taz-zewg partijiet involuti u tal-konvenut in partikolari. Illi pero' din il-Qorti tirriserva d-dritt lill-istess attur nomine li jekk jinbidlu c-cirkostanzi tal-konvenut ikun jista' jipprocedi appozitament biex jinghata l-manteniment jekk tali dritt ikun ghadu jezisti f'dak iz-zmien.

Illi kwindi t-talba attrici qed tigi milqugha biss kif inghad aktar 'il fuq.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenut Joseph Genovese, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi :-

(1) Tiddikjara lill-konvenut Joseph Genovese bhala l-missier naturali tat-tifel minuri Ben Alexander Genovese, imwieled fl-Iskozja fit-2 ta' April 1996.

(2) Tiddikjara wkoll li l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lill-imsemmi minuri Ben Alexander Genovese imma minhabba l-fatt li prezentement m'ghandux introjtu sufficjenti din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tillikwida jew tiffissa xi ammont ta' manteniment. Illi pero' din il-Qorti tirriserva kull dritt lill-attur nomine li jipprocedi ulterjorment sabiex jigi akkordat il-manteniment xieraq jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenut tinbidel u jkun f'posizzjoni li jista' jmantni lill-istess ibnu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------